

Brussell, 25 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15094/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0299(NLE)

SOC 644
EMPL 445
ECOFIN 1193

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva - <i>Qbil politiku</i>

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-28 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta fis-suġġett. Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li ntlaga' tajjeb mill-mexxejja tal-Unjoni fis-Summit ta' Porto fit-8 ta' Mejju 2021. Il-Kunsill Ewropew laqa' b'sodisfazzjon il-miri ewlenin għall-2030 għall-UE kollha stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, fl-oqsma tal-faqar, tal-impjiegi u tal-ħiliet. Skont il-miri, sal-2030, l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għandu jitnaqqas b'tal-inqas 15-il miljun, li jinkludi tal-inqas 5 miljun tifel u tifla; tal-inqas 78 % tan-nies bejn l-20 u l-64 sena għandu jkollhom impjieg; u, kull sena, 60 % tal-adulti għandhom jipparteċipaw f'taħriġ.

2. Il-proposta tibni fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE dwar kriterji komuni li jikkonċernaw riżorsi suffiċjenti u assistenza soċjali fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali, li ser tissostitwixxi, u tikkomplementa r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol. Dan isegwi l-appell li l-Kunsill għamel fid-9 ta' Ottubru 2020 fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-introjtju minimu għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali matul il-pandemija tal-COVID-19 u lil hinn minnha¹.
3. Il-proposta ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni lill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fis-7 ta' Ottubru 2022. Il-Grupp ta' Ħidma eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2022, u tal-14 u t-22 ta' Novembru 2022. F'konsultazzjoni informali bil-miktub, konkluzja fil-25 ta' Novembru 2022, id-delegazzjonijiet qablu unanimament dwar it-test ta' kompromess tal-Presidenza, li jinsab fl-Anness.
4. Billi ma kienx possibbli li ssir reviżjoni mill-ġuristi lingwisti qabel ma l-proposta ġiet ippreżentata lill-Coreper u lill-Kunsill (EPSCO) fit-8 ta' Diċembru, il-Coreper u l-Kunsill huma mistiedna jilħqu qbil politiku dwar it-test fl-Anness.

¹ Dok. 11721/20 REV2

II. KONKLUŻJONI

5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - a) jikkonferma l-qbil fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali dwar it-test tal-proposta kif jinsab fl-Anness għal din in-Nota;
 - b) jirrakkomanda lill-Kunsill (EPSCO) biex, fis-sessjoni tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2022, jilħaq qbil politiku dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva.
6. Wara l-qbil politiku, l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni ser ikun soġġett għar-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti u ser jiġi propost għall-adozzjoni bħala punt I/A f'laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

Dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 153(1), punt (j) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bil-ħsieb li tiġi żgurata ħajja dinjituża fl-istadji kollha tal-ħajja, din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali u li tikseb livelli għolja ta' impjegi billi tippromwovi appoġġ adegwat għall-introjtu, b'mod partikolari permezz ta' introjtu minimu, u aċċess effettiv għas-servizzi ta' sostenn u servizzi essenzjali għal persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti u billi trawwem l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu, f'konformità mal-approċċ ta' inklużjoni attiva.
- (2) Skont l-Artikolu 151 TFUE, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom bħala objettivi, fost oħrajn, il-promozzjoni tal-impjegi, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, protezzjoni soċjali xierqa u l-għieda kontra l-esklużjoni.

- (3) L-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") jirrikonoxxi u jirrispetta l-intitolamenti għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u għas-servizzi soċjali. Il-Karta tipprevedi wkoll li kull min jirrisjedi u jmur minn post għal ieħor legalment fl-Unjoni jkun intitolat għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u għall-vantaġġi soċjali u li, sabiex jiġu miġġielda l-esklużjoni soċjali u l-faqar, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għal assistenza soċjali u assistenza għall-akkomodazzjoni sabiex tiġi żgurata eżistenza deċenti għal dawk kollha li ma jkollhomx biżżejjed riżorsi.
- (4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar kriterji komuni rigward riżorsi suffiċjenti u assistenza soċjali fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali² tistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu d-dritt bażiku ta' persuna li jkollha biżżejjed riżorsi u assistenza soċjali biex tgħix b'mod kompatibbli mad-dinjità tal-bniedem, bħala parti minn sforz komprensiv u konsistenti sabiex tiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali, u tirrakkomanda li s-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom jiġu adattati, kif meħtieġ. Fid-dawl tal-kontenut ta' din ir-Rakkomandazzjoni, huwa xieraq li r-Rakkomandazzjoni 92/441/KEE tiġi sostitwita.
- (5) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol³ tistipula strateġija komprensiva biex tiffaċilita l-integrazzjoni f'impjiegi sostenibbli u ta' kwalità ta' dawk li jistgħu jaħdmu, u biex tipprovdi lil dawk li ma jistgħux jaħdmu, riżorsi li jkunu biżżejjed biex jgħixu ħajja dinjituża, kif ukoll appoġġ għall-parteċipazzjoni soċjali. Dan l-appoġġ integrat, ibbażat fuq taħlita ta' tliet linji ta' politika: appoġġ adegwat għall-introjtu, swieq tax-xogħol inklużivi u aċċess għal servizzi ta' kwalità, huwa partikolarment importanti għall-persuni l-aktar imbegħda mis-suq tax-xogħol jew esklużi mis-soċjetà.

² Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar kriterji komuni rigward riżorsi suffiċjenti u assistenza soċjali fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali (ĠU L 245, 26.8.1992).

³ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol (ĠU L 307, 18.11.2008).

- (6) F'Novembru 2017, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni pproklamaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁴, li jistipula 20 prinċipju biex jiġu appoġġati swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw sew. Il-Prinċipju 14 jiddikjara li "Kull min ma għandux riżorsi suffiċjenti għandu d-dritt għal benefiċċji minimi ta' introjtu adegwati li jiżguraw ħaġġa f'dinjità fl-istadji kollha tal-ħaġġa, u għal aċċess effettiv li jippermetti prodotti u servizzi. Għal dawk li jistgħu jaħdmu, jenħtieġ li l-benefiċċji ta' introjtu minimu jitħalltu ma' inċentivi għall-integrazzjoni (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol."
- (7) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁵ ("il-Pjan ta' Azzjoni") jistipula l-ambizzjoni għal Unjoni soċjali b'saħħitha. F'Ġunju 2021, il-Kunsill Ewropew laqa' l-mira soċjali tal-Unjoni dwar it-tnaqqis tal-faqar f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Porto⁶, skont liema, l-għadd ta' persuni friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali jenħtieġ li jitnaqqas b'tal-inqas 15-il miljun⁷ sal-2030, li jinkludi tal-inqas 5 miljun tifel u tifla. Il-Kunsill Ewropew laqa' wkoll il-miri ewlenin dwar l-impjiegi, skont liema, tal-inqas 78 % tal-persuni bejn l-20 u l-64 sena jkollhom impjieg, u tal-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw ftahriġ kull sena. Tabella ta' valutazzjoni soċjali riveduta u qafas ta' parametraġġ referenzjarju dwar l-introjtu minimu, maqbulin mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, isaħħu l-bażi analitika tas-Semestru Ewropew, tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.
- (8) L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-għanijiet ta' appoġġ tagħha jenfasizzaw li t-tkabbir ekonomiku sostenibbli jenħtieġ li jimxi id f'id mal-qerda tal-faqar u deprivazzjonijiet oħra, tnaqqis tal-inugwaljanzi u aċċess imtejjeb għas-saħħa, l-edukazzjoni u l-impjiegi.

⁴ Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2017/C 428/09)

⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM/2021/102 final).

⁶ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2021/05/08/the-porto-declaration/>

⁷ Meta mqabblin mal-2019.

- (9) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2017⁸, appella lill-Istati Membri jintroduċu introjtu minimu adegwat, filwaqt li enfasizza r-rwol tal-protezzjoni tal-introjtu minimu bħala għodda għall-għieda kontra l-faqar. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2020⁹, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tibda aġġornament tal-qafas tal-Unjoni sabiex tappoġġa u tikkomplementa b'mod effettiv il-politiki tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-introjtu minimu nazzjonali. Matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, iċ-ċittadini appellaw għal qafas komuni tal-Unjoni dwar l-introjtu minimu¹⁰.
- (10) Din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq is-sejbiet tal-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni¹¹ li rrieżaminaw il-progress miksub fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE. Il-valutazzjonijiet ikkonfermaw il-validità tal-approċċ ta' inklużjoni attiva, iżda enfasizzaw sfidi speċifiċi relatati, fost l-oħrajn, ma' adegwatezza baxxa, ma' adozzjoni limitata u ma' kopertura limitata tal-introjtu minimu, ma' diżinċentivi potenzjali li jirriżultaw minn sistemi ta' taxxa u ta' benefiċċji u ma' aċċess problematiku għal servizzi ta' kwalità li jrawmu l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Appellaw ukoll għal aktar enfasi fuq appoġġ adegwat għall-inklużjoni soċjali ta' persuni li ma jistgħux jaħdmu.

⁸ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar il-politiki dwar l-introjtu minimu bħala għodda biex jiġi ttrattat il-faqar (2016/2270(INI)).

⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 2020 "It-Tisħiħ tal-Protezzjoni tal-Introjtju Minim u għall-Ġlied Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali matul il-Pandemija tal-COVID-19 u Lil Hinn Minnha".

¹⁰ Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, rapport dwar l-eżitu finali, Mejju 2022, p. 58.

¹¹ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Segwitu dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol – Lejn approċċ ta' investiment soċjali, SWD(2013) 39 final. Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol, SWD(2017) 257 final.

- (11) Minkejja xi progress miksub fit-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali fl-Unjoni f'dawn l-aħħar għaxar snin, fl-2021, aktar minn 95,4 miljun persuna għadhom fir-riskju u r-riskju kien ogħla għan-nisa milli għall-irġiel. Żieda fir-riskju tal-faqar għal persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg u deterjorament fil-profondità u fil-persistenza tal-faqar f'ħafna Stati Membri, flimkien ma' tnaqqis fl-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, qed joħlqu preokkupazzjonijiet. Jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jagħmlu aktar sforzi biex jgħinu lill-persuni l-aktar vulnerabbli u żvantaġġati u dawn l-isforzi għandhom ikunu aktar effiċjenti.
- (12) L-impjiegi sostenibbli u ta' kwalità huma l-aħjar mod kif wieħed joħroġ mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali. Fl-istess ħin, l-iżgurar li jkun hemm aktar nies fis-suq tax-xogħol jikkontribwixxi għall-finanzjament tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jsaħħa is-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom, filwaqt li jikkontribwixxi għall-ġustizzja interġenerazzjonali u jipromwovi l-koeżjoni soċjali. Sabiex jintlaħqu livelli ogħla ta' impjieg, huwa ferm importanti li n-nies jiġu appoġġati fi tranżizzjonijiet ta' suċċess fis-suq tax-xogħol.
- (13) Il-vantaġġi soċjali u ekonomiċi ta' xbieki ta' sikurezza soċjali adegwati u mmirati saru saħansitra aktar importanti matul il-lockdowns marbutin mal-pandemija tal-COVID-19. Il-miżuri ta' trażżin kellhom impatt sproporzjonat fuq in-nisa u fuq il-gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari f'termini ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, kemm għal raġunijiet fiżiċi kif ukoll għal raġunijiet ta' saħħa mentali, għall-edukazzjoni u għal servizzi rilevanti, u b'hekk aggravaw ukoll il-limitazzjonijiet preeżistenti fl-aċċess għall-impjiegi¹². It-tagħlimiet meħuda mill-kriżi enfasizzaw ukoll l-importanza ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati, komprensivi u reżiljenti, li huma strumenti risponsivi għax-xokkijiet u preventivi, u li jappoġġaw l-irkupru.

¹² Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2022.

- (14) Ix-xejriet makroekonomiċi assoċjati mal-globalizzazzjoni, mat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, mat-tibdil demografiku u mat-tibdil fix-xejriet tax-xogħol ikomplu jsawru l-Unjoni. Xbieki ta' sikurezza soċjali komprensivi u robusti, li jiżguraw appoġġ adegwat għall-introjtu u jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, inkluż appoġġ għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, jistgħu jgħinu sabiex dawk il-proċessi jkunu ġusti u inklużivi. Il-bidliet fix-xejriet tal-karriera, flimkien ma' żieda fil-forom ta' impjieg atipiċi, jistgħu jagħmluha aktar diffiċli għall-persuni b'introjtu baxx biex jaċċessaw sistemi ta' protezzjoni soċjali bbażati fuq l-assigurazzjoni u jistgħu jwasslu għal domanda akbar għal miżuri alternattivi ta' appoġġ, bħall-introjtu minimu. Barra minn hekk, wara l-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna, iż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u sussegwentement fl-inflazzjoni qed taffettwa unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju inferjuri. Il-miżuri ta' introjtu jistgħu jkunu mmirati lejn gruppi vulnerabbli u huma kompatibbli mal-preservazzjoni ta' inċentivi għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija u għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika.
- (15) L-enfasi ta' din ir-Rakkomandazzjoni hija fuq "persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti" li tfisser persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'riżorsi monetarji u materjali insuffiċjenti, irregolari jew inċerti, li huma indispensabbli għas-saħħa u għall-benessri tagħhom u għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja ekonomika u soċjali. Għal dawk li jistgħu jaħdmu, xbieki ta' sikurezza soċjali robusti għandhom jiffaċilitaw (ri)integrazzjoni fis-suq tax-xogħol permezz ta' miżuri ta' appoġġ speċifiċi li jikkombinaw miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, appoġġ fit-tfittix ta' impjieg, edukazzjoni u taħriġ. Għal dawk kollha li huma fil-bżonn, inkluż dawk li ma jistgħux jaħdmu, dawn jiżguraw appoġġ adegwat għall-introjtu u servizzi ta' sostenn. Għalhekk, ix-xbieki ta' sikurezza soċjali ma humiex għodda passiva iżda jaġixxu, kemm jista' jkun, bħala xprunatur għall-integrazzjoni soċjoekonomika u għall-mobbiltà soċjali għall-aħjar, u b'hekk itejbu l-inklużjoni u l-prospetti tal-impjegi.

- (16) Ix-xbieki ta' sikurezza soċjali jinkludu firxa ta' benefiċċji monetarji u in natura li jipprovdu appoġġ għall-introjtu u aċċess għas-servizzi ta' sostenn u servizzi essenzjali. Komponent importanti tal-appoġġ għall-introjtu huma l-benefiċċji tal-introjtu minimu, definiti bħala benefiċċji monetarji mhux kontributorji u soġġetti għal test tal-mezzi tal-aħħar rikors li għandhom l-għan li jeliminaw il-lakuna sabiex jintlaħaq ċertu livell globali ta' introjtu f'unità domestika partikolari meta sorsi oħra ta' introjtu jew ta' benefiċċji jkun għew eżawriti jew ma jkunux adegwati sabiex jiżguraw haġja dinjituża. F'xi Stati Membri l-benefiċċji tal-introjtu minimu jistgħu jiġu kkombinati ma' benefiċċji monetarji oħra pprovduti lill-unità domestika u lill-membri tagħha bħal benefiċċji tat-tfal u tal-familja, benefiċċji għall-akkomodazzjoni, benefiċċji tal-qgħad, benefiċċji tad-diżabilità, benefiċċji marbuta mal-età jew benefiċċji relatati max-xogħol. Jistgħu jissupplimentaw ukoll il-pensjonijiet minimi u l-introjtu mix-xogħol. Din ir-Rakkomandazzjoni tindirizza prinċipalment il-kwistjoni tal-introjtu minimu u hija mingħajr preġudizzju għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom¹³.
- (17) L-introjtu minimu huwa element ewlieni tal-istrateġiji għall-ħruġ mill-faqar u mill-esklużjoni u jista' jservi bħala stabbilizzatur awtomatiku. Fi żminijiet ta' kriżi ekonomika, jista' jikkontribwixxi għall-appoġġ ta' rkupru sostenibbli u inklużiv, jgħin sabiex jittaffa t-tnaqqis fl-introjtu tal-unitajiet domestiċi u jrażżan il-livelli ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Għal dawk li jistgħu jaħdmu, jenħtieġ li l-introjtu minimu jinkludi inċentivi adegwati u kondizzjonalità adattata u proporzjonata għal (ri)integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-introjtu minimu jitfassal flimkien ma' inċentivi għax-xogħol sabiex jiġu evitati effetti ta' istereżi fis-suq tax-xogħol u sabiex jiġu appoġġati livelli għolja ta' impjeg, intensità għolja tax-xogħol, tranżizzjoni sostenibbli għas-suq tax-xogħol u mobbiltà b'introjtu ogħla.

¹³ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (2019/C 387/01).

- (18) Il-benefiċċji in natura jistgħu jikkomplimentaw benefiċċji monetarji billi jiffaċilitaw l-aċċess għal servizzi speċifiċi bħall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal¹⁴) il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, l-akkomodazzjoni soċjali, l-impjiegi u t-taħriġ kif ukoll għal servizzi essenzjali. L-għoti ta' tali benefiċċji in natura jista' jgħin fil-kuntestwalizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-adeqwatezza tal-appoġġ għall-introjtu. Ċerti benefiċċji in natura pprovduti permezz ta' skemi mmirati u li jappoġġaw il-konsum ġenerali (pereżempju vouchers tal-ikel jew kumpens ta' kostijiet relatati direttament mal-akkomodazzjoni, inkluż tnaqqis fit-tariffi tal-enerġija) lil persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti, jistgħu jiġu kkunsidrati meta tiġi vvalutata l-adeqwatezza tal-appoġġ għall-introjtu sa fejn dawn il-benefiċċji jikkontribwixxu direttament biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-introjtu tal-benefiċjarji tal-introjtu minimu.
- (19) Impenji akbar fl-implimentazzjoni ta' xbieki ta' sikurezza soċjali integrati u robusti għandhom il-potenzjal mhux biss li jtejjbu l-eżiti soċjali u tas-saħħa għal dawk l-aktar imbegħdin mis-suq tax-xogħol, iżda wkoll li jwasslu għal benefiċċji soċjali u ekonomiċi dejjiema għall-Unjoni, jagħtu spinta lill-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jirriżultaw f'soċjetajiet aktar ekwi, koeżivi u reżiljenti. Huma meħtieġa sforzi kontinwi sabiex jittejjeb l-aċċess ta' persuni b'introjtu baxx għas-sistema ta' protezzjoni soċjali bbażata fuq l-assigurazzjoni sabiex tgħinhom jiksbu drittijiet ta' protezzjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tal-iffaċilitar ta' impjiegi ta' kwalità, u sabiex jiġi kkoordinat l-għoti ta' appoġġ għall-introjtu skont l-iskemi rispettivi. Jenħtieġ li dawn ix-xbieki ta' sikurezza jgħinu wkoll biex jiżdied l-aċċess għall-kura tas-saħħa u ikel tajjeb għas-saħħa għal dawk fil-faqar. Jenħtieġ li l-Istati Membri jfittxu li jżidu l-effettività u l-effiċjenza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom, inkluż fl-appoġġ tal-aċċess għas-suq tax-xogħol b'mod ġenerali, sabiex jipprevjenu li n-nies jisfaw foqra jew ikollhom bżonn jiddependu fuq introjtu minimu fit-tul.

¹⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021).

(20) Għalkemm l-Istati Membri kollha għandhom xbieki ta' sikurezza soċjali fis-seħħ, il-progress sabiex isiru aċċessibbli u adegwati kien irregolari. It-tfassil tagħhom ivarja fost l-Istati Membri, u jirrifletti tradizzjonijiet nazzjonali differenti u l-arkitettura globali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-interazzjoni bejn benefiċċji monetarji u dawk in natura. Minkejja dak li ssemma hawn fuq, l-Istati Membri jiffaċċjaw sfidi simili. Filwaqt li seħħet xi konverġenza, ir-riformi adottati sa issa mhux dejjem kienu biżżejjed jew l-implimentazzjoni tagħhom kienet bil-mod, kif rifless fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti li ilhom jinħarġu għal kull pajjiż fil-proċess tas-Semestru Ewropew. Il-pjanijiet nazzjonali taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jipprevedu appoġġ għar-riformi u għall-investimenti fl-Istati Membri kkonċernati sabiex isaħħu l-effettività, it-tfassil u r-reżiljenza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom, inkluż permezz tat-titjib fit-tfassil tal-introjtju minimu u l-iżgurar ta' konverġenza 'l fuq fl-adegwatezza u fil-kopertura tiegħu. Diversi investimenti jiffokaw ukoll fuq il-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku u fuq it-titjib tal-aċċess għas-servizzi essenzjali għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

(21) L-appoġġ għall-introjtu jitqies adegwat meta jiżgura haġja dinjituża fl-istadji kollha tal-ħajja. Sabiex tiġi żgurata l-adeqwatezza tal-appoġġ globali għall-introjtu hija meħtieġa metodoloġija soda u trasparenti biex l-introjtu minimu jiġi stabbilit, rieżaminat f'intervalli regolari u, kull meta jkun rilevanti, u jiġi aġġustat kull sena, abbażi ta' indikaturi rilevanti u b'kont meħud tal-bżonnijiet speċifiċi tal-unità domestika. Il-valuri ta' referenza, bħal-limitu nazzjonali tar-riskju ta' faqar¹⁵ jew il-metodoloġiji bbażati fuq basket ta' oġġetti u servizzi definit fil-livell nazzjonali li jirriflettu l-għoli tal-ħajja u l-bżonnijiet ta' persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti fi Stat Membru partikolari jew f'reġjun partikolari, jistgħu jgħinu sabiex jiġġwidaw il-valutazzjoni tal-adeqwatezza. L-adeqwatezza tista' titqabbel ukoll mal-introjtu mix-xogħol, bħall-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa jew ħaddiem b'paga minima, filwaqt li jiġi rrispettat il-limitu tar-riskju ta' faqar jew jittieħed kont tal-għoli tal-ħajja u l-bżonnijiet tal-persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti. Filwaqt li jidher ċar li l-introjtu mix-xogħol (diġà fil-livell tal-paga minima) jenħtieġ li jkun oġhla mill-introjtu mill-benefiċċji, ma hemm l-ebda evidenza ta' impatt negattiv sinifikanti bħala medja fuq il-probabbiltà li persuni li jirċievu appoġġ għal introjtu minimu jsibu impjeg. Minħabba d-disparitajiet fl-adeqwatezza bejn il-pajjiżi, jenħtieġ li l-Istati Membri jiksibu livelli adegwati ta' appoġġ globali għall-introjtu b'mod progressiv. Meta jiddeterminaw u jaġġustaw il-livell tal-introjtu minimu, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw il-livell tal-inflazzjoni (speċjalment tal-ikel u l-enerġija), iż-żidiet fl-għoli tal-ħajja u l-iżviluppi fil-pagi.

¹⁵ Il-limitu tar-riskju ta' faqar huwa definit bħala 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan wara t-trasferimenti soċjali (EUROSTAT).

- (22) Il-kriterji ta' eliġibbiltà tal-introjtu minimu jistgħu jkunu ostaklu għall-aċċess minn ċerti gruppi. Fil-prinċipju, it-tfal huma koperti bħala parti mill-unità domestika. Madankollu, il-limitu tal-età stabbilit għal applikanti ta' l fuq minn 18-il sena jista' jillimita l-aċċess għall-adulti żgħażaġh. Ir-restrizzjonijiet relatati mat-tul minimu tar-residenza legali jistgħu jillimitaw l-aċċess għal persuni barranin, filwaqt li n-nuqqas ta' indirizz permanenti jagħmilha diffiċli li persuni mingħajr dar jew persuni li jgħixu f'żoni żvantaġġati (eż. f'insedjamenti tar-Rom) jibbenefikaw minn introjtu minimu. Filwaqt li l-ittestjar tal-mezzi huwa element essenzjali sabiex jiġi żgurat l-immirar adatt tal-introjtu minimu, il kopertura tista' wkoll tirriżulta insuffiċjenti meta limitu għall-valur totali massimu tal-introjtu u tal-assi matul l-ittestjar tal-mezzi jiġi stabbilit flivell baxx, u b'hekk jeskludi lil xi unitajiet domestiċi anki jekk ikunu foqra. L-introduzzjoni ta', pereżempju, kriterji nondiskriminatorji għall-aċċess għal introjtu minimu ma għandhiex taffettwa l-eċċezzjonijiet mit-trattament ugwali stipulati jew permessi mid-dritt tal-Unjoni, bħad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (23) Jenħtieġ li jiġu indirizzati l-lakuni fil-kopertura tal-introjtu minimu u li tiġi żgurata l-kontinwità tal-kopertura matul fażijiet differenti tal-ħajja billi jiġu stabbiliti kriterji ta' aċċess trasparenti u mhux diskriminatorji. Jenħtieġ li l-età, l-eżistenza ta' indirizz permanenti jew ir-rekwiżit ta' residenza legali ta' tul sproporzjonat ma jkunux ta' ostaklu għall-aċċess għal introjtu minimu. L-ittestjar tal-mezzi normalment jinkludi diversi tipi ta' introjtu (bħal minn xogħol jew benefiċċji diġà mogħtija) u ċerti assi (bħal proprjetà). Jenħtieġ li l-limiti għall-ittestjar tal-mezzi u t-tipi ta' introjtu u assi esklużi mill-ittestjar tal-mezzi jirriflettu ħajja dinjituża għal tipi u daqsijiet differenti ta' unitajiet domestiċi fi Stat Membru partikolari. Jenħtieġ li l-qligħ baxx mix-xogħol (bħal introjti ta' darba jew irregolari) jiġi ttrattat proporzjonalment fl-ittestjar tal-mezzi b'mod li jissalvagwardja l-inċentivi għax-xogħol għal dawk li jistgħu jaħdmu u ma jeskludix lill-applikanti milli jirċievu benefiċċji (possibbilment aktar baxxi). L-aċċess għall-introjtu minimu jenħtieġ li jingħata malajr mingħajr dewmien bla bżonn u jenħtieġ li l-intitolament ikun mingħajr limitu dment li l-applikanti jkomplu jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' kondizzjonalità speċifika, soġġett għal rieżamijiet perjodiċi. Il-limitu ta' żmien previst ta' 30 jum biex tiġi pproċessata l-applikazzjoni mill-preżentazzjoni tagħha jista' jiġi interrott f'każ li jkun hemm bżonn li jiġu stabbiliti l-fatti kollha dment li, fejn ikun possibbli, il-persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti jirċievu assistenza proviżorja xierqa.

- (24) Fi żminijiet ta' reċessjonijiet ekonomiċi u diversi tipi ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi, il-flessibbiltà fit-tfassil tal-introjtu minimu, inkluż permezz ta' aċċess simplifikat temporanjament, l-illaxkar tal-kriterji ta' eliġibbiltà jew l-estensjoni tat-tul taż-żmien tal-benefiċċji, jista' jkollha rwol importanti sabiex ittaffi l-konsegwenzi soċjali negattivi u taqdi rwol ta' stabbilizzatur fl-ekonomija. Jenħtieġ li l-miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali li jirriżultaw fit-tnaqqis tal-livelli ta' protezzjoni aktar milli fit-titjib tal-effettività tal-iskemi jintużaw biss bħala l-aħħar għażla u jkunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt distribuzzjonali sabiex jittaffew l-effetti negattivi fuq dawk l-aktar żvantaġġati; jenħtieġ li l-livell ta' protezzjoni fi kwalunkwe każ jibqa' adegwat.
- (25) Piż amministrattiv sproporzjonat, nuqqas ta' għarfien jew biża' ta' stigmatizzazzjoni jew diskriminazzjoni jistgħu jwasslu sabiex dawk eliġibbli għal introjtu minimu ma jitolbux aċċess għalih. L-evitar ta' skemi frammentati, l-iżgurar ta' aċċessibbiltà globali u ta' sempliċità tal-proċeduri ta' applikazzjoni u l-għoti ta' appoġġ amministrattiv lill-applikanti potenzjali jistgħu jżidu l-użu tal-introjtu minimu. Huma meħtieġa aktar miżuri sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tal-introjtu minimu minn unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed, prinċipalment immexxijin minn nisa. Barra minn hekk, filwaqt li jirrispettaw ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, jenħtieġ li l-isforzi proattivi sabiex jintlaħqu n-nies jimmiraw b'mod partikolari żoni soċjalment imċaħħda u l-aktar unitajiet domestiċi emarġinati, inkluż ir-Rom. L-aċċessibbiltà baxxa tal-ġhodod diġitali jew in-nuqqas ta' ħiliet għall-użu ta' tagħhom jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostaklu għal aċċess effettiv, inkluż għal persuni b'diżabilità. Il-monitoraġġ u l-analiżi regolari tad-data rilevanti jistgħu jgħinu sabiex jiġu mifhuma l-kawżi tan-nuqqas ta' użu u sabiex jittejjeb ir-rispons tal-politika.

(26) Filwaqt li l-ittestjar tal-mezzi jsir fil-livell tal-unitajiet domestiċi, dan spiss ma jqisx il-pożizzjoni tal-individwi fi ħdan l-unità domestika, il-kondiviżjoni mhux ugwali potenzjali tal-introjtu tal-familja u x-xewqa għall-awtonomija. Dan jaffettwa b'mod partikolari lin-nisa peress li huma aktar probabbli li jkollhom introjtu aktar baxx, paga aktar baxxa u responsabbiltajiet akbar ta' kura. Mingħajr ma neċessarjament tinbidel il-prattika tal-ittestjar tal-mezzi u jiżdied il-livell ġenerali tal-benefiċċji riċevuti mill-unità domestika, soluzzjonijiet meħudin f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali li jagħmluha aktar faċli li l-membri individwali tal-unità domestika jirċievu s-sehem tagħhom f'appoġġ għall-introjtu, jistgħu jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-indipendenza ekonomika u s-sigurtà tal-introjtu tan-nisa, tal-adulti żgħażaġh u tal-persuni b'diżabilità.

- (27) It-tisħiħ ta' swieq tax-xogħol inklużivi u aċċessibbli għal kulħadd huwa importanti sabiex titnaqqas id-dipendenza fit-tul mill-appoġġ għall-introjtu. Ir-rekwiżiti ta' attivazzjoni u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jistgħu jħeġġu sforzi akbar għat-tfittix ta' impjieg u l-aċċettazzjoni ta' offerti ta' impjieg, meta jiġu inklużi servizzi ta' appoġġ bħal konsulenza, ikkowċjar u għajnuna għat-tfittix ta' impjieg u miżuri sabiex jiġi żgurat bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjieg – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġh¹⁶, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-adulti żgħażaġh NEET¹⁷ li huma fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali billi jerġgħu jiġu inkorporati fl-edukazzjoni, it-taħriġ jew is-suq tax-xogħol fl-iqsar żmien possibbli, filwaqt li r-riċeviment ta' appoġġ għall-introjtu jenħtieġ li jkun marbut ma' miżuri ta' attivazzjoni partikolarment b'saħħithom. F'konformità mal-Istrateġija għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari wkoll għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità. L-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, appoġġ u gwida personalizzati li jissodisfaw bżonnijiet speċifiċi, l-iżgurar ta' impjieg ta' kwalità, il-promozzjoni taż-żamma tal-impjieg u l-possibbiltà ta' promozzjoni jistgħu jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn l-impjieg fost l-etajiet kollha. Ir-rieżamijiet regolari tal-inċentivi u tad-diżinċentivi li jirriżultaw mis-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji, l-eliminazzjoni gradwali tal-appoġġ għall-introjtu mill-bidu tal-impjieg jew il-possibbiltà li jiġi kkombinat mar-remunerazzjoni, jistgħu jżidu l-introjtu disponibbli tal-unità domestika, u b'hekk jikkontribwixxu sabiex ix-xogħol jibda jrodd, il-faqar fost dawk li jaħdmu jitnaqqas u l-impjieg formali jiġu inċentivati. Fl-istess ħin, il-benefiċċji fuq il-post tax-xogħol jenħtieġ li jitfasslu bir-reqqa sabiex jiġu evitati nases ta' pagi baxxi.
- (28) L-impjieg fl-ekonomija soċjali jistgħu jservu bħala pont lejn setturi oħra tas-suq tax-xogħol. Jenħtieġ li l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni lejn l-impjieg jiġi appoġġat permezz tal-ġhoti ta' miżuri dedikati għall-impjegaturi, akkumpanjati b'inċentivi finanzjarji mmirati, fejn neċessarju.

¹⁶ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjieg - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ (ĠU C 372, 4.11.2020).

¹⁷ NEET – barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ.

- (29) Is-servizzi ta' inklużjoni soċjali, pereżempju l-ħidma soċjali, il-konsulenza, l-ikkowċjar, il-mentoraġġ, l-appoġġ psikoloġiku u diversi skemi ta' riabilitazzjoni, u miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għal servizzi ta' sostenn jew essenzjali oħra huma neċessarji wkoll sabiex jinbnew xbieki ta' sikurezza soċjali robusti. Jenħtieġ li l-isforzi jkomplu jtejbju wkoll il-kwalità tas-servizzi, f'konformità mal-Qafas Ewropew Volontarju ta' Kwalità għas-Servizzi Soċjali¹⁸, u jiżguraw il-kontinwità tal-aċċess għal servizzi essenzjali. Jenħtieġ li jissaħħu wkoll il-miżuri għall-indirizzar tal-ostakli finanzjarji u mhux finanzjarji li jxekklu l-aċċess ugwali u universali għas-servizzi.
- (30) Appoġġ aktar individwalizzat li għandu l-għan li jidentifika u jindirizza bżonnijiet kumplessi ta' persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti u l-unitajiet domestiċi tagħhom, jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għall-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom b'suċċess. Valutazzjoni tal-bżonnijiet hija prerekwiżit biex jiġi konkluż pjan ta' inklużjoni adattat li jkopri persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti ta' unità domestika partikolari (b'mod individwali jew konġunt), u jiġi ddeterminat it-tip ta' appoġġ meħtieġ u l-oġġettivi miftehmin. Jenħtieġ li l-appoġġ jinkludi miżuri ta' inklużjoni soċjali sekwenzjati kif xieraq jew miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol, skont is-sitwazzjoni individwali u d-disponibbiltà għax-xogħol, filwaqt li jiġi żgurat bilanċ bejn inċentivi pożittivi u rekwiżiti ta' attivazzjoni¹⁹. Il-ftehimiet ta' integrazzjoni f'impjieg konklużi f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol²⁰, jistgħu jservu wkoll dan l-għan u, jekk ikun meħtieġ, jiġu adattati kif xieraq.

¹⁸ Qafas Ewropew Volontarju għall-Kwalità għas-Servizzi Soċjali, SPC/2010/10 final.

¹⁹ L-evidenza turi li tfittix aktar attiv ta' impjieg iwassal għal żieda fl-impjiegi, filwaqt li ma nstabet l-ebda evidenza għal effett pożittiv simili ta' regoli aktar stretti ta' sanzjonijiet fuq l-impjiegi. Ara: OECD, Does Demanding Activation Work? A Comparative Analysis of the Effects of Unemployment Benefit Conditionality on Employment in 21 Advanced Economies, 1980–2012.

²⁰ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol (ĠU C 67, 20.2.2016).

- (31) Mekkaniżmi effettivi ta' governanza huma kruċjali sabiex jiġu pprovduti xbieki ta' sikurezza soċjali robusti. Jenħtieġ li l-amministrazzjoni tal-benefiċċji u l-forniment ta' servizzi jisfruttaw l-għodod offruti mit-tranżizzjoni diġitali, filwaqt li jevitaw l-esklużjoni kkawżata mid-distakk diġitali. Jenħtieġ li jsiru sforzi sabiex jiġu żgurati koordinazzjoni u allinjament mill-qrib tal-iskemi u tal-benefiċċji eżistenti, kif ukoll il-koordinazzjoni tagħhom ma' politiki oħra. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għat-tishiġ tal-kapaċità operazzjonali tal-istituzzjonijiet involuti kollha. L-iskambju ta' data u kooperazzjoni eqreb bejn livelli differenti ta' governanza u servizzi, inkluż permezz ta' ftehimiet formali jew punti uniċi ta' servizz, jiffaċilitaw appoġġ integrat aħjar. Monitoraġġ affidabbli u evalwazzjoni regolari tal-impatt tal-politika, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati kollha, jistgħu jikkontribwixxu għal aktar effiċjenza, għal tfassil ta' politika informat u għal trasparenza mtejba tas-sistemi nazzjonali.
- (32) L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili spiss jaqdu rwol komplementari importanti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. L-attivitajiet dedikati tagħhom jistgħu jappoġġaw lill-awtoritajiet pubbliċi fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki ta' inklużjoni u attivazzjoni. Billi jipprovdu appoġġ kemm materjali kif ukoll psikosoċjali lil dawk l-aktar vulnerabbli, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jikkontribwixxu għar-restawr tad-dinjità tal-bniedem u jappoġġaw l-inklużjoni soċjali, filwaqt li jiggwidaw lil dawk li jistgħu jaħdmu fit-triq lejn l-impjieġ.
- (33) L-apprendiment reċiproku u l-iskambju tal-aħjar Prattiki fil-livell tal-Unjoni flimkien ma' ħidma analitika sabiex jiġi elaborat aktar il-qafas eżistenti ta' parametraġġ referenzjarju tal-Unjoni dwar l-introjtju minimu, inkluż permezz tat-titjib tad-disponibbiltà u l-komparabbiltà tal-indikaturi rilevanti u r-regolarità tad-data jenħtieġ li jappoġġaw lill-Istati Membri fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tar-riformi nazzjonali.

- (34) Hemm disponibbli fondi tal-Unjoni biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Fi ħdan il-Fond Soċjali Ewropew Plus²¹, jenħtieġ li kull Stat Membru jalloka tal-inqas 25 % tal-Fond Soċjali Ewropew Plus għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u InvestEU jistgħu jappoġġaw bl-istess mod investimenti fl-infrastruttura soċjali ta' sostenn, bħall-akkomodazzjoni soċjali u l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, kif ukoll it-tagħmir u l-aċċess għal servizzi ta' kwalità. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza diġà jappoġġaw lill-Istati Membri fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali fil-qasam tal-introjtu minimu.
- (35) L-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni ma tistax tintuża sabiex jitnaqqas il-livell ta' protezzjoni mil-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti jew kif spjegat fir-Rakkomandazzjoni 92/441/KEE. L-Istati Membri huma mistiedna jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk rakkomandati hawnhekk.
- (36) Is-sostenibbiltà globali tal-finanzi pubbliċi u l-finanzjament adegwat tal-introjtu minimu huma essenzjali għar-reżiljenza, għall-effiċjenza u għall-effettività tagħhom. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni ma taffettwax b'mod sinifikattiv l-ekwilibriju finanzjarju tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali tal-Istati Membri.

²¹ Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013, ĠU L 231, 30.6.2021.

- (37) Il-valutazzjoni tal-impatti distribuzzjonali (minn hawn 'il quddiem "DIA") hija għodda utli sabiex jiġi identifikat l-impatt tal-miżuri baġitarji u ta' riformi u investimenti oħra fuq gruppi ta' introjtu differenti, inkluż fuq dawk l-aktar żvantaġġati. Għalhekk, id-DIA tista' tikkontribwixxi għal tfassil aktar effiċjenti u effettiv tar-riformi tat-taxxa u tal-benefiċċji, filwaqt li tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ttipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif l-aħjar jinkorporaw id-DIA fil-proċessi tat-tfassil tal-politika tagħhom²².
- (38) Din ir-Rakkomandazzjoni hija adottata b'rispett sħiħ għall-kompetenzi tal-Istati Membri biex jiddefinixxu u jorganizzaw is-sistema ta' protezzjoni soċjali tagħhom.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI

OBJETTIV

- (1) Bl-għan li tiġi żgurata haġja dinjituża fl-istadji kollha tal-ħajja, din ir-Rakkomandazzjoni timmira li tiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali billi tippromwovi appoġġ adegwat għall-introjtu, b'mod partikolari permezz tal-introjtu minimu, aċċess effettiv għas-servizzi ta' sostenn u dawk essenzjali għal persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti u billi trawwem l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu, f'konformità mal-approċċ ta' inklużjoni attiva.

²² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Valutazzjoni aħjar tal-impatt distribuzzjonali tal-politiki tal-Istati Membri", (COM(2022) 494 final).

DEFINIZZJONIJIET

- (2) Għall-fini ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw dawn id-definizzjonijiet:
- (a) "persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti" tfisser persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'riżorsi monetarji u materjali insuffiċjenti, irregolari jew inċerti, li huma indispensabbli għas-saħħa u għall-benessri tagħhom u għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja ekonomika u soċjali;
 - (b) "appoġġ għall-introjtu" tfisser total tat-tipi kollha ta' benefiċċji monetarji pprovduti lill-unità domestika u lill-membri tagħha, inkluż benefiċċji ta' introjtu minimu;
 - (c) "introjtu minimu" tfisser xbieki ta' sikurezza mhux kontributorji u soġġetti għal testijiet tal-mezzi bħala l-aħħar għażla lill-persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti, li joperaw fi ħdan is-sistemi ta' protezzjoni soċjali;
 - (d) "kopertura" tfisser l-intitolament għall-parteċipazzjoni f'introjtu minimu kif definit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali;
 - (e) "użu" tfisser il-proporzjon ta' persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti intitolati li jipparteċipaw f'introjtu minimu li fil-fatt jieħdu sehem fihom;
 - (f) "servizzi ta' sostenn" tfisser servizzi mmirati lejn bżonnijiet speċifiċi ta' persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jintegraw fis-soċjetà u, fejn rilevanti, fis-suq tax-xogħol, inkluż servizzi ta' inklużjoni soċjali, pereżempju ħidma soċjali, konsulenza, ikkowċjar, mentoraġġ, appoġġ psikoloġiku, riabilitazzjoni u servizzi ġenerali oħra ta' sostenn, inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul, l-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-akkomodazzjoni;

- (g) "servizzi essenzjali" jinkludu l-ilma, is-sanità, l-energija, it-trasport, is-servizzi finanzjarji u l-komunikazzjonijiet digitali;
- (h) "aċċess effettiv għas-servizzi" tfisser sitwazzjoni fejn is-servizzi rilevanti jkunu faċilment disponibbli, affordabbli, aċċessibbli, ta' kwalità tajba, ipprovduti f'waqthom u fejn l-utenti potenzjali jkollhom aċċess ugwali għalihom, ikunu konxji tal-eżistenza tagħhom, kif ukoll tal-intitolamenti sabiex jużawhom;
- (i) "pjan ta' inklużjoni" tfisser ftehim jew sett ta' ftehimiet konklużi ma' persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti, li jimmiraw li jrawmu l-inklużjoni soċjali tagħhom u, għal dawk li jistgħu jaħdmu, l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

ADEGWATEZZA TAL-APPOĠĠ GĦALL-INTROJTU

- (3) Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jipprovdu u, fejn meħtieġ, isaħħu xbieki ta' sikurezza soċjali robusti li jiggarantixxu haġja dinjituża fl-istadji kollha tal-haġja, li jikkombinaw appoġġ adegwat għall-introjtu - permezz ta' benefiċċji ta' introjtu minimu u benefiċċji monetarji oħra li jakkumpanjawhom - u benefiċċji in natura, li jagħtu aċċess effettiv għas-servizzi ta' sostenn u dawk essenzjali. L-għoti ta' benefiċċji in natura jista' jsostni appoġġ robust għall-introjtu.
- (4) Sabiex jiġi żgurat appoġġ adegwat għall-introjtu, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jistabbilixxu l-livell ta' introjtu minimu permezz ta' metodoloġija trasparenti u robusta definita f'konformità mad-dritt nazzjonali u li tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti. Huwa rrakkomandat li tali metodoloġija tqis is-sorsi globali tal-introjtu, il-bżonnijiet speċifiċi u s-sitwazzjonijiet żvantaġġati tal-unitajiet domestiċi, l-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa jew b'paga minima, l-istandards tal-għajxien u l-kapaċità tal-akkwist, il-livelli tal-prezzijiet u l-iżviluppi relatati tagħhom u elementi rilevanti oħra.

- (5) Filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-inċentivi biex daww li jistgħu jaħdmu jiġi (ri)integrati fis-suq tax-xogħol u jibqgħu fih, huwa rakkomandat li l-appoġġ għall-introjtu ta' persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti jilħaq livell li jkun tal-inqas ekwivalenti għal wieħed minn dawn li ġejjin:
- (a) il-limitu nazzjonali tar-riskju ta' faqar; jew
 - (b) il-valur fi flus tal-oġġetti u tas-servizzi neċessarji, inkluż nutrizzjoni adegwata, akkomodazzjoni, kura tas-saħħa u servizzi essenzjali, skont id-definizzjonijiet nazzjonali; jew
 - (c) livelli oħra komparabbli mal-livelli msemmijin fil-punt (a) jew (b), stabbiliti mid-dritt nazzjonali jew mill-prattika nazzjonali.
- (6) Huwa rakkomandat li l-Istati Membri jiksbu gradwalment il-livell adegwat ta' appoġġ għall-introjtu previst fil-paragrafu (5) sa mhux aktar tard mill-2030, filwaqt li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.
- (7) Huwa rakkomandat li l-Istati Membri jirrieżaminaw u jaġġustaw regolarment il-livell tal-introjtu minimu sabiex tinżamm l-adegwatezza tal-appoġġ għall-introjtu, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji in natura.
- (8) Bl-għan li jiġu promossi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-sigurtà tal-introjtu u l-indipendenza ekonomika tan-nisa, tal-adulti zgħażaġh u ta' persuni b'diżabilità, huwa rakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw il-possibbiltà li jitolbu li l-introjtu minimu jiġi pprovdut lil membri individwali tal-unità domestika.

KOPERTURA TAL-INTROJTU MINIMU

- (9) Huwa rakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw li l-persuni kollha, inkluż l-adulti żgħażaġh, li ma għandhomx biżżejjed riżorsi jkunu koperti minn introjtu minimu stabbilit bil-liġi, billi jiddefinixxu:
- (a) kriterji ta' eliġibbiltà trasparenti u mhux diskriminatorji, li jissalvagwardjaw l-aċċess effettiv għall-introjtu minimu irrispettivament mill-eżistenza ta' indirizz permanenti, filwaqt li jiġi żgurat li t-tul tar-residenza legali jkun proporzjonat;
 - (b) limiti tal-ittestjar tal-mezzi li jirriflettu l-istandard tal-għajxien fi Stat Membru għal tipi u daqsijiet differenti ta' unitajiet domestiċi u jqisu t-tipi l-oħra ta' introjtu (u ta' assi) tal-unità domestika b'mod proporzjonat;
 - (c) iż-żmien meħtieġ għall-ipproċessar tal-applikazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-deċiżjoni tinħareġ mingħajr dewmien bla bżonn u fil-prattika mhux iktar tard minn 30 jum mis-sottomissjoni tagħha;
 - (d) il-kontinwità tal-aċċess għall-introjtu minimu sakemm il-persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibbiltà u l-kondizzjonijiet stipulati mil-liġi, bi frekwenza regolari ta' rieżamijiet tal-eliġibbiltà, filwaqt li jiġi pprovdut aċċess għal miżuri speċifiċi u proporzjonati għal inklużjoni attiva għall-persuni li jistgħu jaħdmu.
 - (e) proċeduri sempliċi, rapidi, imparzjali u mingħajr ħlas għall-ilmenti u għal appelli, filwaqt li jiġi żgurat li l-persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti jkunu informati u jkollhom aċċess effettiv għal proċeduri bħal dawn;
 - (f) miżuri li jiżguraw li x-xbieki ta' sikurezza soċjali jkunu jirrispondu għal diversi tipi ta' kriżijiet u jkunu kapaċi jtaffu l-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi ta' tali kriżijiet.

UŻU TA' INTROJTU MINIMU

- (10) Huwa rakkomandat li l-Istati Membri jinkoraġġixxu jew jiffaċilitaw l-użu sħiħ tal-introjtu minimu permezz ta':
- (a) tnaqqis tal-piż amministrattiv, inkluż permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' applikazzjoni u l-iżgurar ta' gwida pass pass għal dawk li jeħtiġuh, filwaqt li tingħata attenzjoni għad-disponibbiltà ta' għodod diġitali u mhux diġitali;
 - (b) żgurar tal-aċċess għal informazzjoni faċli għall-utent, mingħajr ħlas, u aġġornata dwar id-drittijiet u l-obbligi relatati mal-introjtu minimu;
 - (c) komunikazzjoni mal-persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti sabiex jizjed l-għarfien tagħhom dwar l-introjtu minimu u jiġi ffaċilitat l-użu tiegħu, b'mod partikolari tal-unitajiet domestiċi b'ġenitur waħdu, inkluż permezz tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;
 - (d) teħid ta' passi sabiex jiġu miġġielda l-istigmatizzazzjoni u l-preġudizzju inkonsapevoli marbuta mal-faqar u mal-esklużjoni soċjali;
 - (e) teħid ta' passi sabiex jittejbu jew jiġu żviluppati metodoloġiji ta' evalwazzjoni u valutazzjoni b'mod regolari tan-nuqqas ta' użu tal-introjtu minimu skont tali metodoloġiji u, fejn applikabbli, tal-miżuri relatati ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol, identifikazzjoni tal-ostakli u implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' rimedju.

AĊĊESS GĦAL SWIEQ TAX-XOGĦOL INKLUŻIVI

- (11) Bl-għan li jiġu promossi rati għolja ta' impjieg u swieq tax-xogħol inklużivi, huwa rakkomandat li l-Istati Membri, fejn rilevanti f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżguraw l-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol, ineħħu l-ostakli għad-dħul (mill-ġdid) fl-impjieg u għaż-żamma tiegħu, jappoġġaw lil dawk li jistgħu jaħdmu fil-perkorsi tagħhom għal impjiegi ta' kwalità, jiżguraw inċentivi għax-xogħol, jindirizzaw il-faqar fost dawk li jaħdmu u s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, jinċentivaw l-impjieg formali, jindirizzaw il-problema tax-xogħol mhux iddikjarat u jiffaċilitaw l-opportunitajiet tax-xogħol, billi:
- (a) jiżguraw li r-rekwiżiti ta' attivazzjoni jipprovdu biżżejjed inċentivi għad-dħul (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jkunu gradwali u proporzjonati; jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-adulti żgħażaġħ sabiex dawn jiġu diretti lura lejn l-educazzjoni, it-taħriġ jew is-suq tax-xogħol fl-iqsar żmien possibbli;
 - (b) itejbu l-investiment fil-kapital uman permezz ta' politiki inklużivi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ, filwaqt li jappoġġaw it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, b'mod partikolari ta' dawk b'livell baxx ta' ħiliet jew b'ħiliet skaduti, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mas-sħab soċjali;
 - (c) jipprevedu l-possibbiltà li l-appoġġ għall-introjtu jiġi kkombinat mal-qliġ mix-xogħol, eliminazzjoni gradwali progressiva tal-appoġġ għall-introjtu jew iż-żamma tad-dritt għall-appoġġ għall-introjtu matul perjodi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew xogħol sporadiku, perjodi ta' prova jew traineeships;
 - (d) jirrieżaminaw regolarment l-inċentivi u d-diżinċentivi li jirriżultaw mis-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji;
 - (e) jappoġġaw l-opportunitajiet tax-xogħol fis-settur tal-ekonomija soċjali, inkluż permezz tal-provvista ta' esperjenza Prattika tax-xogħol;
 - (f) jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn l-impjiegi billi joffru miżuri lill-impjegaturi u lill-impjegati, bħal inċentivi għar-reklutaġġ, appoġġ ta' (wara l-)kollokament, mentoraġġ, konsulenza, promozzjoni taż-żamma tal-impjiegi u tal-avvanz.

AĊĊESS GĦAS-SERVIZZI TA' SOSTENN U SERVIZZI ESSENZJALI

- (12) Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw:
- (a) l-aċċess effettiv u ugwali għas-servizzi ta' sostenn, inkluż f'konformità mal-prinċipji ta' kwalità definiti fil-Qafas Ewropew Volontarju għall-Kwalità għas-Servizzi Soċjali;
 - (b) is-salvagwardja tal-kontinwità tal-aċċess effettiv għas-servizzi essenzjali, inkluż l-enerġija;
 - (c) l-indirizzar ta' ostakli finanzjarji u mhux finanzjarji għall-aċċess effettiv għas-servizzi ta' sostenn u s-servizzi essenzjali.

APPOĠĠ INDIVIDWALIZZAT

- (13) Bl-għan li jiġu indirizzati l-ostakli differenti ta' persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti għall-inklużjoni soċjali u, għal dawk li jistgħu jaħdmu, għall-impjiegi, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jiżviluppaw approċċ individwalizzat u jikkoordinaw il-forniment ta' servizzi, billi:
- (a) iwettqu valutazzjoni multidimensjonali tal-bżonnijiet li teżamina l-ostakli għall-inklużjoni soċjali u għall-impjiegi, filwaqt li jidentifikaw is-servizzi ta' sostenn u s-servizzi essenzjali neċessarji sabiex jindirizzaw dawk l-ostakli u jiddeterminaw l-appoġġ meħtieġ; u

- (b) fuq dik il-bażi, mhux aktar tard minn tliet xhur mill-aċċess għall-introjtu minimu, ifasslu pjan ta' inklużjoni li jenħtieġ li
- (1) jiddefinixxi l-oġġettivi u l-iskedi ta' żmien konġunti;
 - (2) jiddeskrivi pakkett ta' appoġġ adattat għall-bżonnijiet individwali, li jinkludi miżuri attivi tas-suq tax-xogħol u/jew miżuri li jrawmu l-inklużjoni soċjali;
 - (3) jassenja maniġer tal-każijiet jew punt uniku ta' kuntatt u ta' servizz li jiżgura appoġġ kontinwu, jorganizza riferimenti puntwali għas-servizzi rilevanti u jissorvelja regolarment il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' inklużjoni;
- (c) għall-persuni li ma għandhomx biżżejjed riżorsi li ilhom qiegħda għal tul ta' żmien, jiġi rieżaminat u, fejn meħtieġ, adattat il-ftehim eżistenti tal-integrazzjoni f'impjieg f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol sabiex jiġi kkomplementat b'elementi tal-pjan ta' inklużjoni msemmi fil-punt (b).

GOVERNANZA, MONITORAĠĠ U RAPPURTAR

- (14) Bil-ħsieb tat-tfassil u tal-implimentazzjoni effettivi ta' xbieki ta' sikurezza soċjali robusti fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- (a) jevitaw lakuni, duplikazzjoni u frammentazzjoni tad-diversi benefiċċji u skemi sabiex jipprovdu pakkett koerenti ta' appoġġ għall-introjtu, miżuri ta' attivazzjoni u servizzi ta' sostenn;
 - (b) isaħħu l-kapaċità operazzjonali tal-awtoritajiet inkarigati mill-appoġġ għall-introjtu, tas-servizzi tal-impjiegi u tal-fornituri ta' servizzi ta' sostenn u jtejbu l-kooperazzjoni tagħhom, inkluż permezz tal-kondiviżjoni ta' data u l-promozzjoni ta' mudelli ta' servizzi integrati ulterjorment;
 - (c) jagħtu s-setgħa lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-atturi tal-ekonomija soċjali, bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni effettiva tagħhom fit-tfassil, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-ewalwazzjoni tal-iskemi tal-introjtu minimu;
 - (d) jiżguraw finanzjament adegwat tax-xbieki ta' sikurezza soċjali b'mod koerenti mas-sostenibbiltà globali tal-finanzi pubbliċi.

(15) Sabiex it-tfassil tal-politika jkun infurmat aħjar, huwa rakkomandat li l-Istati Membri:

- (a) jimmonitorjaw kontinwament l-implimentazzjoni tal-politiki ta' appoġġ għall-introjtu, b'mod partikolari l-introjtu minimu, u miżuri relatati ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol, tal-aċċess għas-servizzi, inkluż permezz tat-titjib tad-disponibbiltà u l-kwalità tad-data rilevanti, diżaggregata skont is-sess, l-età u, fejn rilevanti, skont id-diżabilità, fil-livelli kollha ta' governanza u permezz tat-twettiq ta' evalwazzjonijiet regolari, u jagħmlu aġġustamenti sabiex l-oġettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni jintlaħqu bl-aktar mod effiċjenti;
- (b) jiżviluppaw jew itejbu, filwaqt li jirrispettaw ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, mekkaniżmi li jippermettu li jsir segwitu fuq persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti fir-rigward tal-inklużjoni soċjali tagħhom jew tat-tranżizzjoni tagħhom lejn l-impjieg;
- (c) jinformaw f'intervalli regolari lill-Kummissjoni dwar is-sett ta' miżuri meħuda jew ippjanati biex jimplementaw din ir-Rakkomandazzjoni filwaqt li jibnu, fejn rilevanti, fuq strateġiji, pjanijiet jew rapporti nazzjonali eżistenti, inkluż dawk ippreżentati taħt mekkaniżmi ta' rappurtar eżistenti, bħall-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni, is-Semestru Ewropew u mekkaniżmi ta' programmazzjoni u rappurtar rilevanti oħra tal-UE; jenħtieġ li l-ewwel rapport jinkludi r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet imsemmijin fil-punt (a).

- (16) Il-Kunsill bi pjaċir jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li:
- (a) tkompli taħdem flimkien mal-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fuq il-qafas ta' parametraġġ referenzjarju dwar l-introjtju minimu u ttejjeb id-disponibbiltà u l-komparabbiltà tal-indikaturi u tad-data rilevanti;
 - (b) issaħħaħ l-apprendiment reċiproku u d-disseminazzjoni tar-riżultati u tal-prattiki tajbin fost l-Istati Membri;
 - (c) fuq il-bażi tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 15, punt (c), u fi ħdan il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, tirrieżamina regolarment il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tal-Impjiegi u man-network tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi fir-rigward tal-aċċess għal swieq tax-xogħol inklużivi, u tħejji fuq bażi triennali rapport konġunt tal-Kummissjoni u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

- (d) timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, inkluż f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.
- (e) tagħmel rendikont tal-azzjonijiet meħuda b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tagħha fuq it-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, taż-żieda fil-livelli ta' impjieg u tat-titjib tal-parteciċipazzjoni fit-taħriġ, u tirrapporta lill-Kunsill sal-2030.

(17) Ir-Rakkomandazzjoni 92/441/KEE hija sostitwita b'din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
